# Mill-Impenn għall-Menefreġiżmu: l-Evoluzzjoni tal-Protagonist Letterarju Malti

Mario Cassar

## Premessa

In-narrattiva Maltija sikwit tinqasam fi tliet stadji. Bdiet bir-rumanz storiko-romantiku, għaddiet għar-rumanz soċjo-realista, biex imbagħad stagħniet bir-rumanz psikoloġiku.[1] Biss din l-eleganza, konvenjenti u prattika kemm tridha, hi fis-sew arbitrarja u artifiċjali, għax l-iżvilupp ta' dal-ġeneru letterarju ma seħħx f'ordni kronoloġiku strett daqskemm nixtiquh. Minkejja kollox xorta se nirrispetta l-konvenzjoni stabbilita għas-sempliċi fatt li dal-qafas jippermetti l-aktar kummentarju limpidu u koerenti.

Għal ħafna żmien, in-narrattiva Maltija baqgħet marbuta ma' l-ideal patrijottiku; l-aġenda tal-kittieb lokali, maħkum minn dellirju romantiku, baqgħet essenzjalment l-aġenda nazzjonali. Għall-anqas sa nofs is-seklu għoxrin, ħafna baqgħu misjuqa mill-għajta għall-jeddijiet demokratiċi u politiċi tal-poplu. Minn *Ineż Farruġ* sa *Żmien l-Ispanjoli* sar-rakkonti interminabbli ta' Ġorġ Scicluna, ir-rumanz Malti serva qabelxejn ta' portavuċi għal ġens anonimu, fqir, u sfruttat li kien għadu ma sabx it-triq tal-qawmien. Kien mera ta' poplu mċaħħad, mingħajr fiduċja fih innifsu, u biex nidwi kliem Bertold Brecht, mera ta' pajjiż miskin biżżejjed biex jeħtieġlu l-eroj.

---

1 Ara per eżempju Oliver Friggieri, "L-Evoluzzjoni Storika tar-Rumanz Malti," *Saġġi Kritiċi* (Malta: Aquilina, 1979) 295-312.

L-eroj tradizzjonali hu aktarx estrovert, miftuħ, qalbieni, attiv, ħerqan li jbiddel il-qagħda ta' madwaru u jkattar ir-relazzjonijiet personali tiegħu mad-dinja ta' barra. Hu jiffunzjona f'narrattiva li tinqeda b'taħlita ta' ġrajjiet storiċi (jew fatti ddokumentati) u ġrajjiet immaġinarji (jew intriċċi fittizji) maħsuba biex tillustra sewwasew it-tema ta' l-emanċipazzjoni nazzjonali.

Lejn l-aħħar tas-snin tletin, fir-rumanz soċjo-realista, li fl-opra kritika ta' Oliver Friggieri, ġieli ssejjaħ ukoll ir-rumanz riformista, tfaċċa tip ieħor ta' eroj. Mhuwiex aktar il-protagonist patrijottiku u erojku ta' qabel, iżda protagonist aktar verosimili, immexxi aktarx minn kuxjenza umanista marbuta mal-ġlieda tal-klassi. Hu protagonist li kapaċi jissintetizza l-qafas morali, kulturali, u familjari ta' komunità aktar milli ta' pajjiż sħiħ. Dan il-karattru jiffunzjona f'narrattiva maħsuba biex tixħet dawl fuq il-qagħda attwali bl-intenzjoni maġġuri li jiġu rriformati d-difetti tagħha.

F'nofs is-snin sittin, imbagħad, tfaċċa l-anti-eroj tar-rumanz psikoloġiku. Dan il-persunaġġ, f'kull sens, hu l-oppost ta' l-eroj tradizzjonali; hu aktarx introvert, magħluq fih innifsu, mimli dubji u ansjetajiet; mhux daqstant ħerqan li jibdel l-ordni ta' madwaru jew li jwessa' l-kuntatti tiegħu ma' l-oħrajn. L-anti-eroj psikoloġiku jiffunzjona f'narrattiva li tistħarreġ, ħafna aktar minn qatt qabel, il-ħajja ġewwiena tal-karattri, fejn l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet jieħdu s-sopravvent fuq l-element rakkontabbli nnifsu. Aktar milli jikkonċentra fuq l-azzjonijiet tal-personaġġi tiegħu, l-awtur jgħidilna xi jkun għaddej minn moħħhom u b'hekk juri x-xewqat, il-biżgħat u s-sentimenti tagħhom.

Fil-*Poetika*, Aristotli jitkellem fuq tliet tipi ta' karattri. Hemm karattri li huma aħjar minna, u bħala mudell nilmħu appuntu lill-eroj epiku li jiddistingwi ruħu fuq l-oħrajn, il-protagonist li jemmen fl-ideal u li jibqa' konvint mir-rebħa aħħarija. Dan il-protagonist kapaċi jikkorrispondi ma' dak li Northrop Frye, fil-ktieb *Anatomy of Criticism*,[2] isejjaħ il-*high mimetic hero* li hu superjuri għal ħafna nies iżda mhux għall-ambjent li jgħix fih. Għandu l-kwalitajiet ta' mexxej għaqli u artikolat; jaf jisfrutta t-talenti tiegħu b'mod assertiv; u jaf irażżan il-passjonijiet tiegħu meta jkun hemm bżonn. Hemm imbagħad karattri li huma fl-istess ilma bħalna u hawn nara l-protagonist soċjo-realista jitqabad mal-ħajja ta' kuljum, u li minkejja kull delużjoni jibqa' jittama. Dan il-protagonist kapaċi jikkorrispondi ma' dak li Frye isejjaħ il-*low mimetic hero* li ftit jew wisq jirrispetta l-kanoni tal-probabbiltà. Tant hu ordinarju li t-timbru ta' eroj, skond kif inhu mifhum fin-narrattiva epika, jibda jsir ambigwu.

---

[2] Northrop Frye, *Anatomy of Criticism* (London: Penguin, 1957) *passim*.

Fl-aħħar hemm il-karattri li huma agħar minna, u hawn forsi jidħol l-anti-eroj tar-rumanz psikoloġiku, il-protagonist ironiku u tellief li minkejja s-sensittività tiegħu hu ddestinat li jibqa' jgħix bil-piena. F'dal-każ, it-timbru ta' eroj mhux biss jiċċajpar imma jitħassar għal kollox għax il-karattri huma aljenanti, drabi patetiċi u drabi awto-distruttivi.

## Il-letteratura storiko-romantika

Ir-rumanz storiku kien faċċata oħra tal-letteratura romantika li nibtet u kotrot f'Malta sforz l-influwenza ta' l-attivisti Taljani eżiljati fi żmien ir-Risorġiment. It-teżi kurrenti fil-fatt hi li l-letteratura Maltija (l-ewwel bit-Taljan, imbagħad bil-Malti stess) kienet prodott ta' kuxjenza ġdida li trawmet fost il-kittieba lokali bis-saħħa tal-kuntatti ma' elementi revoluzzjonarji barranin.[3]

Kienet l-Italja li forniet lill-intellettwali u l-politiċi lokali kemm bil-forma (f'dal-każ id-demokrazija) u l-kontenut (f'dal-każ in-nazzjonaliżmu) li ppreċipitaw l-ewwel għeliem ta' qawmien anti-kolonjali favur identità popolari. Hu faċli għalhekk li wieħed jara kif ir-rumanz storiku mexa fuq l-istess żewġ binarji – jiġifieri fuq il-motiv demokratiku u l-motiv patrijottiku.

Ir-rumanz storiku aktarx ġie ppopolarizzat minn Sir Walter Scott f'xogħlijiet bħal *Waverly* (1814) u *Ivanhoe* (1819) iżda l-mudell Malti kien aktarx mibni fuq dak Taljan; ngħidu aħna *Ettore Fioramosca* ta' Massimo D'Azeglio u fuq kollox *I Promessi Sposi* ta' Alessandro Manzoni. Ma nafux fiċ-ċert liema kien l-ewwel rumanz bil-Malti; biss l-eqdem wieħed li nafu bih hu *Elvira jew l-Imħabba ta' Tirann* (ċ. 1868) tal-Malti-Naplitan Prof. G. Folliero da Luna. Dan ir-rumanz aktar jixraqlu jissejjaħ rumanz gotiku, li wara kollox ma kien xejn għajr il-faxx l-aktar estrem tar-Romantiċiżmu. Dan il-ġeneru jiġbor fih il-gost tal-makabru, miżgħud bi djar u kastelli misterjużi, superstizzjonijiet, erwieħ, delitti, u l-bqija. Aktar tard kien disseminat b'mod l-aktar prolifiku minn kittieba bħal Arturo Caruana, Emilio Lombardi, Alfredo Edoardo Borg, u Giuseppe Cumbo. Kollha huma rumanzi ta' mertu letterarju skars; mingħajr tlaqliq ngħid li l-letteratura tagħna ma forniet ebda opra gotika ta' prestiġju. Għalhekk ma naħsibx li għandi noqgħod infettaq wisq dwar dal-ġeneru.

L-ewwel xogħlijiet essenzjali ta' narrattiva storiko-romantika, fil-fatt, imorru lura sa l-aħħar żewġ deċennji tas-seklu dsatax, bejn wieħed u ieħor

[3] Ara per eżempju Oliver Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija*, Vol. 1: *Il-Poeżija mill-Bidu sa Dun Karm* (Malta: KKM, 1979) 33-74.

l-istess żmien meta twieldu l-ewwel partiti politiċi f'Malta. Għax-xettiku din tista' tidher bħala koinċidenza kurjuża, iżda meta niġu biex nidentifikaw b'mod ġenerali x-xejriet tar-rumanz bikri, malajr nintebħu li hemm rabta sfiqa bejn il-qawmien politiku u dak letterarju. Fil-fatt ir-rumanz ħa sehem sa mill-bidu fl-impenn risorġimentali, u fil-klima ta' dak iż-żmien ma setax ma jkunx fin-natura tiegħu ta' ispirazzjoni epika.

Fost l-ewwel xogħlijiet storiko-romantiċi nsibu *Il-Konti Alagona* (1885) ta' Anton Muscat Fenech, *Ineż Farruġ* (1889) ta' Anton Manwel Caruana (forsi l-ewwel rumanz letterarju bil-Malti), *Il-Barunissa Maltija* (1893) ta' Salvinu Frendo Mannarino, u r-rumanzetti ta' Ġużè Muscat Azzopardi, fosthom *Toni Bajada* (1878), *Susanna* (1883), *Ċejlu Tonna* (1886), u l-bqija. Aktar tard niltaqgħu ma' xogħlijiet oħrajn fl-istess vena fosthom *Is-Saħħar Falzun* (1902) ta' Agostino Levanzin, *Nikol Għabdul* (1907) ta' Dun Alwiġ Vella, *Nazju Ellul* (1909) ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Żmien l-Ispanjoli* (1938) u *San Ġwann* (1939), it-tnejn ta' Ġużè Galea, *Anġli tan-Niket* (1938) ta' Ġino Muscat Azzopardi, u *Taħt Tliet Saltniet* (1938) ta' Ġużè Aquilina.

Ir-rumanz storiko-romantiku huwa storiku għax ifittex li jibni identità nazzjonali billi jgħarbel il-kronaka mgħoddija u hekk irodd id-dinjità li tagħżel pajjiż minn ieħor. Bis-saħħa ta' episodji glorjużi, ir-rumanzier jeżalta l-kotra, jindika l-eroj, u jxettel il-mit nazzjonali. Hawn nikkwota lil Oliver Friggieri: "Il-kult kważi reliġjuż ta' l-eroj [... ta] lill-kommunità maħkuma emblema oħra ta' għaqda u ġustifikazzjoni fundamentali tas-sens ta' għażla etnika u dinjità storika."[4] Fl-istess waqt huwa romantiku għax is-sentiment, tipiku tal-moviment, jibqa' dejjem potenti, utli, u kkulurit. Ir-romantiku jeżalta l-imħabba għax kapaċi takkomoda dak kollu li hu uman u spiritwali; jeżalta wkoll il-passat għax hu irrevokabbli, u għalhekk jirrappreżenta dinja ta' ħolm u idealiżmu. Kif jgħid Benedetto Croce: " [...] *falsificando la storicità nel sentimentalismo del passato e nella nostalgia restauratrice, la nazionalità nel fanatismo delle stirpe e delle razze.*"[5]

Ir-rumanz storiku, aktar minn kull ġeneru ieħor, hu mfassal fuq sett ta' konvenzjonijiet u ritwali. Nafu li qegħdin fi żmien remot, fi żmien semi-leġġendarju. Nafu li n-nies jinqasmu f'żewġ kategoriji opposti. Nafu bl-eroj li jiddistingwi ruħu fuq kulħadd. Nafu x'inhu s-sehem ta' l-eroina. Nafu b'imħabbithom. Nifhmu r-ritwal tal-ħtif, tal-ħarba, tat-tradiment, tal-komplott, tad-dwell, u tal-vendetta. Nafu x'nistennew, iżda b'kurżità dejjem infittxu

---

4 Friggieri, *Saġġi Kritiċi*, 301.

5 Benedetto Croce, *Storia d'Europa nel Decimonono* (Bari: Laterza, 1938) 56.

dawk ix-xejriet varjanti, dawk is-sorpriżi, dawk l-isfumaturi li jistgħu juruna dak li hu familjari minn lenti friska. Nafu li se niltaqgħu ma' kavallieri, furbani, nobbli, suldati, u raħħala. Nafu li se nimirħu mill-għeluq ta' l-ibliet għall-beraħ tal-kampanja, se nitgħaxxqu bil-pajsaġġ, se nosservaw bosta drawwiet folkloristiċi, u fuq kollox se nkunu xiehda ta' ġrajja akbar mill-ħajja.[6]

Biex wieħed jifhem aktar mill-qrib il-konvenzjonijiet ġenerali tar-rumanz storiku, tajjeb li nanalizzaw aktar mill-qrib ir-rwol tal-karattri. L-awtur jinseġ ġrajja privata fl-isfond ta' ġrajja pubblika. It-teżi ewlenija li toħroġ minn dawn il-ġrajjiet hi li s-sewwa dejjem jirbaħ fuq il-qerq. L-element mistħajjel f'*Ineż Farruġ*, *Żmien l-Ispanjoli*, *Nazju Ellul, San Ġwann*, u *Taħt Tliet Saltniet* jiżvolġi storja ta' mħabba ostakolata minn ċirkostanzi krudili (l-eku omnipreżenti ta' Renzo u Lucia fl-opra ta' Manzoni); filwaqt li l-element storiku jlaqqagħna mal-Malti f'konfront dirett mal-barrani. Fuq naħa hemm il-vittmi u fuq l-oħra hemm l-aggressuri. Il-protagonist Malti hu stilizzat f'ideal fiżiku daqskemm morali, filwaqt li l-barrani hu mera ta' frugħa, ambizzjoni, u diżonestà. L-eroj, bħal Nazju Ellul, Vitor Cassar, Martin Gatt, u Alessandru Habela, hu bla tebgħa, immexxi minn valuri tradizzjonali meqjusa eżemplari. L-eroj hu bniedem b'lealtajiet fissi u d-diversi problemi li jdawruh huma biss l-għalqa ta' tiġrib li jikxfu l-virtujiet tiegħu. Huma nies qalbiena li jagħżlu li jimxu fit-triq tas-sewwa lejn rebħa finali. Dan jikkontrasta mal-karattri "suwed" li, min-naħa l-oħra, huma mimlija vizzji u preġudizzji. Il-krudeltà u l-malizzja fuq naħa, is-sempliċità u r-rettitudni fuq naħa oħra jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' atmosfera tipikament romantika.

Forsi l-aktar eroj rappreżentattiv u kumpless f'din il-garżella hu Alessandru Habela fir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina. Alessandru hu bniedem b'sensibilità kbira, bniedem b'mentalità u qalb miftuħa, li jiġġieled kontra qafas politiku inġust u favur il-koeżistenza paċifika bejn il-klassijiet. Il-protagonist hu għalhekk impenjat fuq żewġ fronti. Qabelxejn hemm il-vokazzjoni patrijottika, imbagħad hemm il-vokazzjoni riformista; iżda finalment dawn iż-żewġ dimensjonijiet donnhom jixxierku flimkien sabiex jipparteċipaw fl-istess aġenda morali jew fl-istess kruċjata sagra.[7] Hawn nikkwota lil Aquilina:

---

[6] Għal diskors kritiku fit-tul fuq ir-rumanz storiku inġenerali ara Georg Lukács, *The Historical Novel*, trad. Hannah u Stanley Mitchell (London: Merlin, 1962), u Nicholas Rance, *The Historical Novel and Popular Politics in 19th Century England* (London: Kisian, 1975).

[7] Għal diskors kritiku fuq *Taħt Tliet Saltniet* ara Oliver Friggieri, "Riforma ta' Tliet Saltniet," *Ir-Ruħ fil-Kelma* (Malta: KKM, 1973) 63-8, u Oliver Friggieri, "Spunti ta' Stħarriġ ta' Taħt Tliet Saltniet," *Saġġi Kritiċi*, 65-71.

> U tabilħaqq, ħajtu kienet id-dawl li joħroġ minn dawn il-kelmiet, torċa tal-ħajja: 'Imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tal-ħaqq!' Lilu dawn il-kelmiet kienu jregħduh, ġo fih kienu jqajmu x-xewqat ta' ħwejjeġ kbar [...] xewqat li bosta drabi kienu jaqtgħuh mid-dinja.[8]

Ta' min jgħid li meta Laurent Ropa ġie biex jittraduċi r-rumanz għall-Franċiż għażillu t-titlu *Le Sermon sur la montagne* (*Id-Diskors tal-Muntanja*), titlu li jitfa' dawl fuq it-tema ġenerali tar-rumanz. Alessandru kien jaf dad-diskors bl-amment. Alessandru jispiċċa jagħmel dak li ż-żagħżugħ għani tal-Vanġelu ma kienx kapaċi jagħmel – jinfatam minn ġidu għal kollox sabiex ikun jista' jwettaq l-ideali tiegħu bla xkiel. Alessandru jwettaq fehmtu bil-fatti konkreti, hekk li jasal biex jinżel l-iskaluni kollha soċjali sabiex jingħaqad mal-ħaddiema foqra tar-raba'. Huwa mera ta' San Franġisk, l-istess qaddis li l-protagonist kien tant jammira. Nerġa' nikkwota lil Aquilina: "Jien [...] m'għadnix nagħraf lili nnifsi iżjed. Inbdilt. Alessandru l-werriet ta' familja nobbli spiċċa għal kollox. Issa baqa' biss Sandru l-bidwi."[9]

Alessandru hu karattru tond fis-sens li jiżviluppa b'mod sostenut tul il-mixja tar-rumanz. Ħafna drabi jieqaf jirrifletti fuq għemilu u ta' sikwit jiżen deċiżjonijiet ta' importanza. Hu bniedem maqbud fi ġlieda bejn l-ideal u l-prattiċità, bejn il-lealtà lejn l-Ordni (i.e. kemm il-Kavallieri kif ukoll il-qagħda soċjo-ekonomika stabbilita) u l-ħtieġa ta' bidla politika, bejn il-wirt aristokratiku tiegħu u l-imħabba lejn tfajla raħlija, bejn it-twemmin Nisrani u s-sejħa għall-konfront armat. Dak li jiddistingwih minn eroj romantiċi oħra hu li l-ambizzjonijiet tiegħu mhumiex biss vjolazzjoni ta' ordni politiku fiss iżda kilba għal rikostruzzjoni soċjali. Veru li Martin Gatt u Vitor Cassar fir-rumanzi ta' Ġużè Galea jiġġieldu u jirbħu lit-tiranni tal-gżira iżda Alessandru jmur pass 'il quddiem u għal darb' oħra f'sens evanġeliku jsir bniedem ġdid. Sintendi hu eroj ta' dimensjoni epika; hu l-eroj li jħaddan l-aspirazzjonijiet tal-ġens kollu, unur osservat minn Lukács: " [...] *the great historical personality is the representative of an important and significant movement embracing large sections of the people*."[10] F'dan id-dawl, Alessandru, minkejja li għandu l-karatteristiċi kollha tal-protagonist tipiku tar-rumanz storiku, jantiċipa b'diversi modi l-eroj soċjo-realistiku, li hu s-suġġett tat-tieni parti ta' dan l-istudju.

---

8 Ġużè Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet* (Malta: Aquilina, 1969) 96.
9 Aquilina 96.
10 Lukács 38.

## Il-letteratura soċjo-realista

Renè Wellek isostni li l-għan tar-realiżmu hu r-rappreżentazzjoni oġġettiva tar-realtà soċjali kontemporanja.[11] B'oġġettività ried jifhem sempliċiment ir-riflessjoni u l-interpretazzjoni tal-ħajja kif inhi mingħajr parzjalità jew preġudizzju. Din dejjem kienet pożizzjoni kontroversjali għax kull definizzjoni ta' realiżmu hi minnha nnifisha prużuntuża, u biex ma nkunx prużuntuż jien ukoll nippreferi nitkellem fuq xejriet ġenerali aktar milli fuq konvenzjonijiet fissi. Ibda biex, ir-rumanz realista mhuwiex ġeneru, fis-sens li hu r-rumanz storiko-romantiku, iżda dispożizzjoni tal-moħħ u tal-pinna.

Minn hawn nistgħu nibdew niċċaraw premessi diskutibbli oħra. Per eżempju l-fehma pre-stabbilita li r-realiżmu hu neċessarjament marbut mal-kawża proletarja hi storikament falza daqskemm hi falza l-fehma li r-realiżmu hu essenzjalment anti-reliġjuż. Sintendi r-realiżmu hu qabelxejn interessat fix-xenarju politiku u soċjo-ekonomiku; biss, ir-realiżmu ma tistax tgħid li għandu linja ideoloġika fissa. Fil-viżjoni tiegħu, hu drabi sovversiv u drabi konservattiv, drabi partiġjan u drabi indifferenti fil-konfront tal-mewġiet tal-ħsieb invoga. Veru wkoll li r-realiżmu tipiku tas-seklu dsatax saħaq bil-bosta fuq l-ipokresija u l-viżjoni patetika tal-Kristjaneżmu; madankollu, dir-reputazzjoni anti-spiritwali kienet aktar effett sekondarju milli konvenzjoni stabbilita.[12] Niġu f'dan, ir-realiżmu Malti żgur li hu realiżmu ddistillat jew kif ġie msejjaħ minn xi wħud "realiżmu mgħammed."

Rumanz bħalma hu *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hu realista fis-sens li hu marbut ma' l-ambjent li l-awtur kien jaf mill-qrib, ambjent ippopolat b'nies emarġinati u mċaħħda. Bħal ħafna rakkonti simili jistħarreġ temi bħalma huma l-injoranza, il-mard, l-inġustizzja soċjali, il-problema tal-qgħad, il-ġlieda tal-klassi, il-korruzzjoni ta' l-awtoritajiet, u l-bqija. Hu wkoll rumanz Nisrani għax il-protagonist jibqa' jissielet biex joħroġ mix-xibka tad-dubju li jkun inqabad fiha u forsi b'mod kontradittorju jasal biex jifhem il-kobor tal-fidi li jkun tilef. F'das-sens, ir-realiżmu ta' Ellul Mercer jersaq aktar lejn ir-realiżmu spiritwali ta' xi Dostoievsky.[13]

---

[11] Renè Wellek, *Concepts of Criticism* (New Haven & London: Yale UP, 1963) 240-1.

[12] Għal diskors kritiku fit-tul fuq il-letteratura realista inġenerali ara F.W.J. Hemmings, ed., *The Age of Realism* (Harmondsworth: Penguin, 1974), u J.P. Stern, *On Realism* (London & Boston: Routledge & Kegan Paul, 1973).

[13] Għal diskors kritiku fit-tul fuq *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ara Oliver Friggieri, *Ellul Mercer f'**Leli ta' Ħaż-Żgħir**: Mir-Realtà għall-Kuxjenza* (Malta: Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, 1983), u Maria Camilleri, "Ġużè Ellul Mercer: Ħajtu, Fehmietu, u Ħidmietu," teżi tal-B.A. (Hons.), U ta' Malta, 1974.

Lokalment, ir-rumanz soċjo-realista, jew riformista, tfaċċa fis-snin tletin. Fost ix-xogħlijiet l-aktar sinjifikanti, apparti *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, insibu: *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* (1930) ta' Ġwann Mamo, *Ħelsien* (1939) ta' Ġużè Bonnici, *Is-Salib tal-Fidda* (1939) ta' Patri Wistin Born, u *L-Iblah* (1948) ta' Ġużè Orlando Smith. Dan il-fil tkompla minn Ġużè Chetcuti fis-snin ħamsin u sittin: *Id-Dawl tal-Ħajja* (1958), *Imħabba u Mewt* (1961), *L-Isqaq* (1962), *It-Tnalja* (1964), u *Nirien ta' Mħabba* (1967).

Il-kittieba li jidħlu f'dan il-kwadru għarfu li l-letteratura setgħet tiġġedded biss skond kemm setgħet tippreżenta soċjetà fid-dawl tal-problemi veri tagħha. "Il-bniedem ma baqax studjat u stmat minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu, iżda skond il-ħjut li kienu jorbtuh ma' taqsima partikolari, provinċjali tal-pajjiż, jiġifieri belt jew raħal, misraħ [jew] triq [...]."[14] Jiġuni f'moħħi bħalissa Sqaq id-Dlam fir-rumanz ta' Ellul Mercer jew *L-Isqaq* innifsu ta' Ġużè Chetcuti. Wied il-Għajn (f'*Is-Salib tal-Fidda*) u Ħal Rażul (f'*Ħelsien*) ifornu l-ambjenti li jagħġnu lill-protagonisti u jħallu fuqhom marka indelibbli. L-aspett spazjali wkoll, l-aktar fix-xogħlijiet ta' Chetcuti, hu xhieda ta' għeluq ieħor – dak mentali u spiritwali, li jikkuntrasta mad-distanzi kbar tar-rumanz epiku li jirrifletti b'mod ovvju t-tiftix għall-ħelsien.

Il-protagonist ta' Chetcuti jgħix f'dinja żgħira mingħajr glorji u illużjonijiet; l-awtur donnu jsir il-ġurnalista ta' dak li hu kwotidjan. L-awtur hu interessat fil-passjonijiet, fix-xewqat, fir-relazzjonijiet intimi, kif ukoll fid-delużjonijiet, fid-dwejjaq, u fil-vizzji ta' protagonisti anonimi.[15] Nikkwota:

> Dawn il-karattri għext magħhom. Fi tfuliti niftakarni kont nimpressjona ruħi ħafna bil-ħajja ġos-sqaqien u l-kerrejjiet li kien hemm Bormla fejn kont noqgħod u din hi r-raġuni ta' l-interess tiegħi li jien nieħu fil-kitba tiegħi dwar din il-klassi ta' nies f'konfront ma' min ix-xorti tatu ħajja adaġjata.[16]

Il-protagonist hu dgħajjef u ċkejken, mhux aktar għax hu taħt it-takkuna tal-barrani bħalma kien l-eroj fir-rumanz epiku, imma għax hu ekonomikament żvantaġġjat u soċjalment emarġinat.

Ir-realiżmu aktarx iħares lejn il-bniedem bħala prodott ta' l-ambjent u

---

14 Friggieri, *Saġġi Kritiċi*, 305.

15 Għal diskors kritiku fit-tul fuq ir-rumanzi ta' Ġużè Chetcuti ara Maria Dolores Caruana, "Ġużè Chetcuti fil-Letteratura," teżi tal-B.A. (Hons), U ta' Malta, 1971, u Bernard Micallef, "Ħjiel ta' Realiżmu fil-Letteratura Maltija: Ġużè Chetcuti," teżi tal-B.A. (Hons.), U ta' Malta, 1987.

16 Intervista ma' Ġużè Chetcuti, *Analiżi*, Vol. 3, N. 2 (1989): 13.

l-eredità; fi kliem ieħor, l-umanità tidher magħġuna u ddeterminata mill-elementi materjali tal-ħajja. Il-bniedem mhux ħlief riżultat ta' ċirkostanzi 'l fuq mir-rieda tiegħu; il-bniedem hu dgħajjef wisq sabiex jiġġieled il-prepotenza tad-destin. Il-karattri ta' Chetcuti, ngħidu aħna, huma dejjem vittmi, suġġetti għal-liġi deterministika li ttaħħat lill-moħħ u lis-setgħat fiżiċi għal xejriet li l-klassi wirtet mill-familja, mill-kultura, u mill-ġenetika. Filwaqt li l-eroj storiku jasal biex ibiddel id-dinja ta' barra, il-vittma soċjali hu biss prodott tagħha.[17] Ir-realiżmu, aktar milli hu determinista hu wkoll ta' xejra fatalistika. Chetcuti nnifsu jitkellem fuq "fataliżmu veristiku." Anki jekk xi karattru jiżbalja bil-kbir, it-tort dejjem jibqa' taċ-ċirkostanzi li d-destin xeħtuh fihom. Hekk ngħidu aħna Feliċ, fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, ħati ta' omiċidju, lanqas biss jinstab ħati u jiġi lliberat mill-qorti daqslikieku kien innoċenti. L-istess, id-delitt li jwettaq Fredu fir-rumanz *Il-Qawwa ta' l-Imħabba* (ta' Bonnici wkoll) jiġi interpretat bħala kawża tal-frustrazzjoni sesswali u eżistenzjali tiegħu.

Ir-realiżmu f'das-sens għandu dispożizzjoni aktarx pessimista. Hi letteratura ta' xewqat imrażżna u ħolm li jiqras. Il-viżjoni tal-ħajja ssir ċirku vizzjuż ta' tbatija, kemm fiżika kif ukoll emozzjonali. It-ton traġiku u eleġajku jilma fuq kollox u ftit li xejn hemm tiżwiq umoristiku. L-aħjar passaġġi ta' dawn ir-rumanzi huma mimlija b'diqa melankonika. Il-karattri mhumiex stabbli; bħall-eroj ta' xi Stendhal, il-protagonisti ma jistgħux jikkonformaw mas-soċjetà. Huma dejjem fi gwerra kontra l-ambjent li jiddetermina ħafna mill-azzjonijiet tagħhom. L-unika mezz ta' komunikazzjoni li bih jistgħu jiġbdu ftit simpatija hu l-imħabba, li aktar iva milli le, tispiċċa f'illużjoni.

Fir-rumanzi li semmejna, id-diskriminazzjoni bejn il-karattri hi aktar eżatta, fis-sens li bil-mod il-mod, il-moralità sempliċistika ta' abjad u iswed tibda tgħib. Il-qasma ssir fuq livell soċjo-ekonomiku bejn il-klassi pprivileġġjata u l-klassi żvantaġġjata. F'*Is-Salib tal-Fidda*, jispikka l-kuntrast bejn Rożina, bint tabib ta' ċerta pożizzjoni, mogħnija b'edukazzjoni xierqa, u Xandru, bin is-sajjieda u bla skola. F'*Ħelsien* jidher ukoll id-distakk soċjali bejn Luretu, avukat u politiku promettenti, u Feliċ, bin il-bdiewa, emarġinat u fqir. F'dawn ir-rumanzi tispikka ħafna t-tema ta' l-emanċipazzjoni, partikolarment mill-injoranza u d-djuq parrokkjali. Luretu, b'dedikazzjoni kbira, jilħaq jeduka ruħu, u anki jekk b'arja ta' suppervja, jirnexxilu jinħall mill-mentalità insulari tar-raħal. Anki Xandru f'*Is-Salib tal-Fidda* minn tifel illitterat u rozz jinbidel f'ġuvni pulit u edukat, minkejja li r-riħa tal-baħar tibqa' tisseduċih.

---

[17] Friggieri, *Saġġi Kritiċi*, 305.

Ir-realiżmu hu xhieda ta' soċjetà kumplessa u diversifikanti li titlob doża qawwija ta' osservazzjoni soċjoloġika. Ir-realist bħal speċi jrid jikkonserva f'dokument il-ħajja kontemporanja tiegħu. Hu l-istoriku tal-preżent li jrid jirrikordja kollox sa l-iċken dettall qabel ma ż-żmien u l-progress jibilgħuh. Ngħidu aħna Bonnici u Born ma jlaħħmux personaġġi akbar mill-ħajja iżda nies maqtugħin mill-qafas soċjali ta' żmienhom. Mar-rettorika tar-rumanz epiku, jonqsu wkoll il-pretensjonijiet tal-karattri. L-ideali tagħhom huma aktar diskreti; m'hemmx ħjiel ta' xi revoluzzjoni fuq skala kbira iżda konflitti żgħar li normalment jikkaratterizzaw il-ħajja ta' kuljum.

Diġà rajna kif Alessandru Habela, il-protagonist ta' *Taħt Tliet Saltniet*, jantiċipa b'xi mod il-mewġa letterarja riformista; bl-istess mod, nixtieq nuri kif karattru soċjo-realista bħalma hu Leli ta' Ellul Mercer jantiċipa wkoll il-mewġa modernista. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* żgur li għandu jitqies bħala l-prototip tal-proża psikoloġika li hawn Malta bdiet tidher b'mod demarkat fis-snin sittin. Leli hu wkoll il-prototip ta' l-anti-eroj modern. Il-konflitti soċjali jibqgħu sekondarji għall-konflitti morali tal-protagonist innifsu. Ir-realiżmu aktarx jistħarreġ kuxjenza ta' klassi sħiħa iżda hawn Ellul Mercer jistħarreġ il-kuxjenza ta' ruħ solitarja, u għaldaqstant Leli għandu jitqies bħala xogħol seminali fis-sens li medd l-ewwel pass effettiv lejn l-orjentament psikoloġiku tan-narrattiva lokali. Għalkemm Leli hu sensittiv għall-isfond immedjat, hu distakkat minnu: għandu livell aktarx xieraq ta' edukazzjoni kif ukoll impjieg relattivament tajjeb. Safrattant hi l-istess kundizzjoni soċjali tiegħu li ġġiegħlu jirrifletti u fl-aħħar mill-aħħar jikkontesta l-ordni soċjo-morali ta' madwaru. Appuntu għax hu pprivileġġjat hu anqas ċert u jispiċċa jitgħabba b'kuxjenza tqila li finalment ma jkunx jiflaħ għaliha. Leli jsir vittma tal-kotba li jkun qara; baqa' jiġri wara l-għerf, anzi ried jifhem dak li ħaddieħor qablu ma rnexxilux jifhem. Leli ma setax jirrikonċilja twemminu mal-viżjoni tirannika tal-ħajja li laħaq xorob mill-kotba. Il-katekeżi tal-kappillan ma kienet taqbel xejn max-xettiċiżmu tal-kittieba favoriti tiegħu.

Leli hu l-intellettwali li appuntu għax "jaf" ma jistax ikun bħal dawk li "ma jafux." Ma setax jibqa' passiv bħal dawk li aċċettaw il-ħajja kif sabuha. Ma setax jibqa' sieket quddiem il-mistoqsijiet eterni ta' l-eżistenza bħaż-Żgħirin li aċċettaw kollox b'mod dommatiku. "Leli kien twieled biex jgħix il-ħajja tal-ħsieb u l-ħolm. Il-ħajja li tgħix il-kotra ma kienx iħossha twettqu u għalhekk fiha qatt ma sseddaq."[18] Għalhekk Leli jispiċċa bħal eremit fost niesu stess.

[18] Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (Malta: Associated News, 1983) 136.

F'ambjent fejn kulħadd jaf lil kulħadd, u fejn il-valuri tal-fidi u l-familja kienu sagrosanti, dan l-eremitaġġ jidher eqqel, sewwasew għax kien psikoloġiku aktar milli fiżiku jew ġeografiku.

Leli hu anti-eroj appuntu għax il-valuri tiegħu ma jistax jipproġettahom fuq ta' madwaru, kuntrarju għall-eroj tradizzjonali li seta' jsarraf is-superjorità tiegħu b'mod attiv u influwenti. Ma kienx bniedem ta' fibra qawwija biżżejjed sabiex jaċċetta l-vokazzjoni ta' *leader*.

**Il-letteratura psikoloġika**

Kull rumanz li għandu aspirazzjonijiet letterarji għandu jkollu doża ta' profondità u konvinzjoni psikoloġika. Anzi wieħed jasal biex jgħid li r-rumanz ma jistax ma jkunx psikoloġiku għax kull motivazzjoni ta' għemil (li tirrigwarda n-nisġa), diskors (li jirrigwarda d-djalogu), u dispożizzjoni (li tirrigwarda l-karattru) hija min-natura tagħha motivazzjoni psikoloġika. Ir-rumanz sa mill-bidu tiegħu dejjem wera ċerta affinità ma' dak li hu intimu u privat fil-bniedem, iżda s-sensibilità umana bħala l-qofol tan-narrattiva nnifisha sabet xortiha l-aktar bis-saħħa ta' l-impatt li ħallew ħassieba bħal Freud, Jung, u Bergson. Niftakru x'qal Freud innifsu: "Il-bniedem skoprewh qabli l-poeti u l-artisti; jien skoprejt biss il-metodu xjentifiku." F'das-sens kull rumanz tajjeb hu, ftit jew wisq, psikoloġiku.

Fis-seklu li għadda, aktar minn qatt qabel, kulħadd wasal biex għaraf li l-letteratura u l-psikoloġija jeżistu f'territorju komuni. It-tnejn huma kkonċernati bir-rabta bejn il-ħsieb u l-aġir uman; it-tnejn spiċċaw biex issuġġettivaw il-bniedem. It-tnejn ukoll huma interessati fil-mod kif l-individwu kapaċi jimmaġina, joħloq, u juża s-simboli. Bis-saħħa tal-psikoanaliżi, appuntu l-istudju ta' l-inkonxju skond is-simboli li jipproġetta, il-letteratura sabet punt ta' riferiment u fonti ta' ispirazzjoni bla qiegħ.

Mela dak li llum insejħulu rumanz psikoloġiku (bħala ġeneru differenti mill-ġeneri l-oħra li ġew qablu) hu biss kulminazzjoni ta' orjentament, għax issa kollox spiċċa interjorizzat fil-psike. Il-plott sar esperjenza ġewwinija, id-djalogu nbidel f'monologu. Għaldaqstant ħafna mir-rumanzi l-ġodda bdew jinkitbu fl-ewwel persuna għax kollox spiċċa llikwidat fil-"jien." Il-"jien" isir l-ispektrum li minnu jiġu riflessi l-ideat kollha tar-rumanz. Mir-rakkont "rakkontabbli" li għandu plott robust u mlaħħam sew, għaddejna għar-rakkont "irrakkontabbli" li għandu plott minimalista u trasparenti. Fil-fatt dejjem qist

taqsira (*synopsis*) ta' rumanz psikoloġiku bħala eżerċizzju assurd għax il-ġeneru deliberament jisfida l-konvenzjonijiet tan-narrattiva kanonika. Fil-fatt hawn min għadu jħares lejn dawn ir-rumanzi bħala anti-rumanzi. Kien hemm reazzjoni kontra l-plott li jikkonkludi, kontra s-*set-pieces* drammatiċi, kontra l-abbundanza ta' karattri, kontra t-tradizzjoni tar-rumanz divertenti jew edifikanti, u fuq kollox kontra l-attitudni omnipreżenti u omnixjenti ta' l-awtur. Ir-rumanz psikoloġiku hu r-rumanz tar-riflessjoni jew tal-kuxjenza attiva.

F'Malta r-rumanz psikoloġiku tfaċċa fis-snin sittin mal-mewġa ta' kittieba "ribelli" fi ħdan il-Moviment Qawmien Letterarju. Ir-rumanz ġdid Malti beda jikkontesta l-valuri u t-twemmin tradizzjonali filwaqt li nieda doża kbira ta' sperimentazzjoni stilistika. Fihom tinħass l-influwenza ta' awturi barranin bħal Proust, Camus, Kafka, Joyce, Laurence, u Woolf. L-eżempji l-aktar rappreżentattivi fil-letteratura tagħna aktarx li huma: *Aħna Sinjuri* (1965) u *Il-Għar tax-Xitan* (1973) ta' J. J. Camilleri, *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* (1968) ta' Alfred Sant, *F'Għajn ix-Xemx* (1971) ta' Francis Ebejer,[19] *Il-Gaġġa* (1971) u *Samuraj* (1975) ta' Frans Sammut, *Taħt il-Weraq tal-Palm* (1974) u *Ħdejn in-Nixxiegħa* (1975) ta' Trevor Żahra, *Il-Gidba* (1977) u *L-Istramb* (1980) ta' Oliver Friggieri, u n-novella twila *Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri.

Karatteristiċi ewlenin li joħorġu mill-qari ta' dawn ix-xogħlijiet huma n-nuqqas ta' injibizzjoni fl-istħarriġ tat-temi, l-anti-eroiżmu jew il-konfront bejn l-individwu u s-soċjetà, l-ironija, u s-sarkażmu.[20] Nikkwota żewġ awturi stabbiliti li jiġbru b'mod sintetiku din is-sensibilità moderna:

(a) "Il-kontenut tar-rumanz il-ġdid Malti bilfors li sa jxaqleb lejn analiżi xettiku u lajk ta' problemi u materjal li qabel jew ma kienu jissemmew xejn jew inkella ssemmew b'mod ortodoss" – Alfred Sant.[21]

(b) "Dan, il-kittieb jagħmlu billi jittratta kollox mingħajr awto-ċensura u mingħajr wisq qima għas-suxxettibbiltà ta' ħaddieħor. Hu jindika fejn kienu dgħajfa jew foloz il-valuri qodma u b'suġġestjoni awtomatika jagħti ħjiel ta' dawk ġenwina mill-għeruq tagħhom" – Frans Sammut.[22]

---

[19] Dan ir-rumanz kien oriġinalment ippubblikat bl-Ingliż fl-1969 bit-titlu *In the Eye of the Sun*. It-traduzzjoni għall-Malti ta' l-1971 saret minn Oliver Friggieri.

[20] Għal diskors kritiku fit-tul fuq ir-rumanz psikoloġiku Malti ara "Il-Letteratura Maltija tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin: In-Narrattiva," *Leħen il-Malti* 28 (1992), u Stephen Bonanno, "Żviluppi Moderni fin-Narrattiva Maltija," teżi tal-B.A. (Hons.), U ta' Malta, 1987.

[21] Alfred Sant, "Lejn ir-Rumanz Ġdid Malti tas-Snin Sebgħin," *Problemi ta' Llum* 12.2.1972: 48.

[22] Frans Sammut, minn taħdita li saret f'kors fuq il-Letteratura Maltija għall-pubbliku mniedi mill-Grupp Awturi fl-1979.

Dawn iż-żewġ stqarrijiet minn tnejn mill-esponenti ewlenin tal-mewġa letterarja ġdida tas-sittinijiet jistgħu jservu ta' sfond għad-diskors immedjat, jiġifieri d-distanza bejn l-individwu u l-kotra fi ħdan din l-estetika anti-tradizzjonali. F'perspettiva storika nistgħu ngħidu li wara kollox il-motiv ta' l-identità kien il-preokkupazzjoni ewlenija tar-rumanz Malti sa mill-bidu epiku tiegħu, bid-differenza li issa t-tiftixa kienet għal identità personali. Madankollu l-awturi l-ġodda ċaħdu l-epika kważi b'insolenza u dejqu l-interess tagħhom għall-individwalità ta' bniedem wieħed aktar milli għall-individwalità tan-nazzjon sħiħ, jew ta' xi klassi soċjali bħal ma deher fir-rumanzi riformisti. Waqt li qabel il-protagonist kien rappreżentant dinjituż tal-massa, issa sar bniedem ordinarju, bla pretensjonijiet, mibdul f'dissident li għandu kemm mill-idjota ta' Dostoievsky kif ukoll mill-istranġier ta' Camus.

In-narrattiva l-ġdida tittraċċa l-karriera ta' protagonist aktarx problematiku, maqtugħ mill-bqija. Hu bniedem li ċaħad il-kodiċi stabbilit u nieda odissea ta' emanċipazzjoni. Joseph (*F'Għajn ix-Xemx*), Fredu (*Il-Gaġġa*) u Samwel (*Samuraj*) huma lkoll żgħażagħ li qed ifittxu realtà differenti u valuri differenti. Huma nies li qed jippruvaw isalvaw barra mil-limitu tal-konformiżmu. Din il-qagħda ta' turufnament psikoloġiku, madankollu, tispiċċa biex toħloq kriżi spiritwali u simultanjament sens ta' ħtija.

Il-qafas anti-erojku tar-rumanz psikoloġiku Malti jista' jiġi ridott f'ħames stadji:

a. is-superjorità tal-protagonist fuq il-bqija;
b. l-irtir tal-protagonist;
ċ. l-impotenza tal-protagonist;
d. il-paranoja tal-protagonist;
e. is-separazzjoni aħħarija tal-protagonist.

Id-dikjarazzjoni "Jiena jien" li tiftaħ *Il-Gaġġa* għandha titqies bħala sintomu tar-rumanzi kollha li ġew wara. Peter Serracino-Inglott fl-introduzzjoni tal-ktieb isostni li hi asserzjoni li tindika kemm individwalità kif ukoll integrità. Fi ftit kliem, il-karattru ċentrali qiegħed jgħid: "Jien indipendenti, jien awtonomu," kif ukoll "Jien nifhem, jiena naħseb u għalhekk inħossni superjuri."[23] Din l-attitudni m'għandhiex preċedenti fil-letteratura lokali ħlief għal Leli ta' Ellul Mercer u *L-Iblah* ta' Ġużè Orlando Smith.

Il-protagonist huwa bniedem li qed jgħix f'soċjetà fejn il-valuri veri tħassru u hu spiċċa biex tħassar ukoll. Madankollu waħdu qed jipprova jeħles min-

[23] Peter Serracino-Inglott, daħla għar-rumanz *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut (Malta: Aquilina, 1973) 9-23.

normi imposti fuqu. Għalhekk fir-rumanz modern għandna tlaqqigħ ta' karattru fittizju ma' kundizzjoni reali. Il-"Jien" hu dejjem il-vittma, l-ambjent hu dejjem il-ħtija. Sammut kemm-il darba kkonferma li l-gaġġa hi l-unika realtà fir-rumanz tiegħu. B'dal-mod il-livell psikoanalitiku jiltaqa' mal-livell soċjoloġiku. Il-problema tal-protagonist hi li hu bniedem li jaħseb u jħoss ħafna iżda ma jipprovax jagħmel ħiltu sabiex jitwettaq b'atti ta' konvinzjoni. Hu bniedem patetiku u għalhekk essenzjalment tellief. Medhi biss jitħassar lilu nnifsu iżda qatt ma jersaq lejn il-kotra biex forsi jistabbilixxi xi forma ta' pont jew kompromess. Għalhekk hu karattru ta' tendenzi newrotiċi u anki awto-distruttivi. Iħossu aljenat, mitluf, diżorjentat. Hu dissident għax ma jaċċettax il-qafas soċjo-kulturali-reliġjuż li jiddetta l-ħajja Maltija. Jikkontesta l-moraliżmu assolut u l-konvenjenza iżda mhuwiex karattru sod biżżejjed biex jirreżisti l-ħalel ta' kontrieh. L-isterilità tar-rieda tiegħu hi antiċipata b'mod metaforiku f'xi difett jew dgħjufija fiżika. Joseph, Fredu, u Samwel ilkoll m'humiex kompletament b'saħħithom. Lanqas m'huma kapaċi jħobbu sewwa. In-nuqqas ta' mħabba f'ħajjithom hi l-kolp tal-grazzja. Anki Natan (*Il-Gidba*) u Frans (*Ħdejn in-Nixxiegħa*) jaħsbu li jistgħu jinfdew b'rabta intima ma' mara, imma jarralhom; ir-relazzjonijiet ma' Rebekka u Rosie jfallu bl-ikrah.

Il-paranoja tagħhom twassal għas-separazzjoni aħħarija. Johnny (*Ħala taż-Żgħożija*), Raymond (*L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*), u Fredu jsiefru jew aħjar jaħarbu sabiex mingħalihom jeħilsu mit-togħma morra ta' l-esperjenza. Frans u Natan jirritornaw lejn l-ambjent li ċaħdu u jaċċettaw it-telfa. Joseph, Samwel, u Robert (*Taħt il-Weraq tal-Palm*) jikkommettu suwiċidju. Din l-istruttura jitkellem tajjeb fuqha Daniel Massa fis-saġġ tiegħu "Maltese Contemporary Literature: An Interim Report."[24] Huwa jagħlaq billi jgħid li s-suwiċidju hu d-distakk komplet li la jippermetti rikonċiljazzjoni u lanqas fidwa. Kienet x'kienet id-deċiżjoni finali, il-protagonist tar-rumanz il-ġdid Malti fl-aħħar irnexxielu jisfronda l-qafas arkajku tat-tradizzjoni. Huwa sfiduċja l-psewdo-kultura u s-sentimenti anakronistiċi ta' qabel. Għażel li ma jobdix dawk il-liġijiet li tilfu kull sinjifikat jew saru paraventu tal-konvenjenza. U anki jekk il-fortuna tiegħu kienet traġika, dan għamlu għax ċaħad li jadura l-monolit tal-medjokrità.

Bħala eżempju ta' anti-eroj għażilt li ngħid xi ħaġa dwar Samwel, il-protagonist tar-rumanz *Samuraj* ta' Frans Sammut. Samwel hu bniedem

---

[24] Daniel Massa, "Contemporary Maltese Literature: An Interim Report," *Journal of the Faculty of Arts,* Vol. 4, N. 4 (1977): 264-75.

introvert, maqtugħ għalih waħdu, b'sensittività kważi patoloġika. Jidher dejjem imtaqqal bil-ħsibijiet u d-dubji; ibati minn dik li fil-psikoloġija tissejjaħ "*free floating anxiety*." Iħaddan kodiċi privat li jeskludih mil-logħba li tilgħab il-massa. Ta' dan, sintendi, irid iħallas prezz għoli għax l-istramberiji tiegħu jeżiljawh f'eremitaġġ perpetwu. Għajr għal Żabbett u l-poeta (li fis-sew hu l-*alter ego* tiegħu) ma jkellem lil ħadd. Fir-razzett, l-unika kumpanija toffrihielu l-qattusa.

Il-kotra tħares lejh bħala n-nagħġa l-mitlufa li ħarbet mill-merħla. Il-kotra tidher intolleranti għax ma tippermetti ebda sens ta' individwaliżmu; Samwel, għalhekk, huwa kkundannat li jgħix f'iżolament soċjali, maqtugħ mill-bqija tar-raħal. Fl-istess nifs iħossu superjuri għax il-moralità tiegħu hi aktar prezzjuża mill-valuri tal-maġġoranza. Bħall-protagonist ta' Ibsen fid-dramm *L-Għadu tal-Poplu*, jibqa' jemmen li l-minoranza (hawn irridu nifhmu l-individwu emarġinat bħalu) għandha raġun. L-"eroiżmu" tiegħu jinsab fil-fatt li jibqa' jħares l-indipendenza tiegħu b'mod assidwu f'ambjent ostili. U bla dubju l-ambjent hu fattur determinanti. Ir-raħal, tant meqjum mir-Romantiċi, fir-rumanz ta' Sammut, isir lok soffokanti. Ir-raħal insulari jsir bejta ta' injoranza, superstizzjoni, seksik, għira, ipokresija, u skrupli. Il-kultura rurali hi mgiddba u mneżżgħa minn kull ħjiel ta' idealizzazzjoni romantika. Nikkwota: "JIEN HAWN u la JIEN HAWN m'intom xejn. Saltnatkom irqiqa u dgħajfa daqs l-għanqbuta li tinsġu."[25] Samwel irid jaħrab mill-memorji koroh ta' l-imgħoddi u mill-morsa tal-moraliżmu li jħosshom joħonquh, iżda fl-istess ħin hu debboli wisq biex isostni l-konvinzjonijiet tiegħu. Għadu wisq suxxettibbli għall-pressjoni soċjali, u fl-aħħar mill-aħħar ikollu jaċċetta t-telfa.

F'għeluq ir-rumanz, li jidwi ċ-ċirku vizzjuż Nietzschejan, Samwel joftoq l-istonku tiegħu kif fil-bidu kien xaqq il-ħnieżer. Is-suwiċidju hu l-fidwa ironika ta' Samwel. Il-*harakiri* fil-kodiċi tal-*Bushido* kien suwiċidju nobbli, mod dinjituż kif ittemm ħajtek biex tevita ħajja ta' għajb. Dan jidwi l-aħħar kelmiet ta' Madame Butterfly fl-opra ta' Puccini: "*To die with honour when one can no longer live with honour.*" It-traġedja ta' Samwel hi traġedja ta' volontà u fl-istess waqt ta' destin kiefer. Samwel minn rajh jagħżel li jneħħi ħajtu iżda fl-istess waqt jidher li ma kellux triq oħra x'jagħżel. Ir-rumanz sa mill-bidu jippreparana għalhekk. Dan ifakkarni fi kliem William Golding: "*We are destined to fall freely.*"

---

25 Frans Sammut, *Samuraj* (Malta: Merlin, 1991) 111.

## Mewġa ġdida?

L-istejjer kollha tan-narrattiva Maltija li nkitbu s'issa normalment jieqfu hawn; u forsi jien ukoll għandi nagħmel l-istess. Biss se nazzarda mmidd pass ieħor għax jidhirli li f'dawn l-aħħar ftit snin beda jinbet tip ta' protagonist ieħor, li mhux talli m'għandu l-ebda dimensjoni erojka, iżda talli jista' jkun mutazzjoni interessanti ta' l-anti-eroj modern. Dan id-diskors jista' jinftiehem tajjeb meta wieħed jaqra n-novelli reċenti ta' Immanuel Mifsud, iżda l-eżempju pereċċellenza hu l-protagonist tar-rumanzett ta' Ġużè Stagno *Nbid ta' Kuljum* (2000), li kien is-suġġett ta' polemika twila f'sezzjoni ta' l-istampa lokali.

Meta dal-ktieb tressaq għall-*Konkors Premju Letterarju* jien kont iddeskrivejtu hekk: "Rumanz deliberatament anti-letterarju li jistrieħ fuq l-awto-ironija. It-ton miżantropu tar-rumanz hu pjuttost ġdid fil-letteratura lokali. Ir-referenzi għall-kultura *pop*, it-taħlit tal-liriku mal-vulgari, u l-irriverenza fil-konfront tal-kanoni estetiċi jorbtu dax-xogħol mal-fil post-modern ta' llum. Ċertament mhuwiex xi kapulavur imma jixhed talent emerġenti." Paul Xuereb, min-naħa tiegħu, kiteb:

> *Nbid ta' Kuljum* huwa rumanz ta' xejra li kisbet ċerta popolarità fil-letteratura Ingliża kontemporanja,[26] iżda hi aktarx ġdida fil-letteratura tagħna. Dan hu r-rumanz li jesplora r-ruħ u l-ħajja spreġudikata taż-żgħażagħ ta' żmienna u jużа lsien u stil li jirriflettu l-ispirtu antikonformista u ironiku / sarkastiku ta' dawn iż-żgħażagħ. Il-protagonist anti-eroj tar-rumanz jirrakkonta l-miżavventuri fl-imħabba u x-xogħol u jfisser ix-xettiċiżmu tiegħu dwar il-valuri soċjali u reliġjużi tas-soċjetà li jgħix fiha. L-awtur iżda jagħtina x'nifhmu wkoll f'liema fondoq ta' disperazzjoni jinsab fiha dal-karattru u li hu jinsab f'*cul de sac* psikoloġiku.

U hawn irrid insaqsi l-mistoqsija kruċjali: X'fih "ġdid" sewwasew dar-rumanz? Kif rajna, l-eroj storiku kien impenjat b'aġenda patrijottika filwaqt li l-eroj riformista kien impenjat b'aġenda soċjali. L-anti-eroj psikoloġiku abbanduna dawn il-vokazzjonijiet nobbli u minflok ingħalaq f'qoxortu, imma almenu kien impenjat bit-tiftix ta' identità personali. Mill-banda l-oħra, il-protagonist li nilmħu fir-rumanz ta' Stagno u f'xi wħud min-novelli ta' Mifsud, mhux biss ma jafux xi jfisser impenn, iżda lanqas biss jippruvaw

[26] Hawn l-awtur aktarx qed jirreferi għax-xogħlijiet ta' kittieba bħalma huma Irvine Welsh, Douglas Coupland, u Naill Griffiths.

jistabbilixxu xi għamla ta' koerenza interjuri. Il-leġġerezza ta' ħajtu tista' tkun insostenibbli (biex nisraq kliem Milan Kundera) iżda safrattant jibqa' ma jagħmel assolutament xejn biex jinfeda mill-qagħda patetika tiegħu. Minflok, jaqa' fl-awto-ironija, fis-sarkażmu, u l-menefreġiżmu. Ir-rabtiet tiegħu huma efimeri, l-imħabbiet tiegħu huma frivoli, u l-interessi tiegħu huma biss proviżorji. Hu protagonist kwalunkwista li m'għandux lealtajiet fissi; kulma jgħodd għalih f'ħajja ta' *ennui* perpetwa hu l-*buzz* tal-mument. Il-filosofija tiegħu tinġabar fl-idjoma Maltija: "Ħallih il-baħar iħabbat!" jew "Għada min raħ?" Hu karattru "difettuż" u "farradi" li donnu jrid jinseġ parodija deliberata ta' l-anti-eroj psikoloġiku. Dan nistgħu narawh minn xi linji li sa nislet mir-rumanz:[27]

(a) "[. . .] nispera li meta oħti tikber ftit iżjed ma tiltaqax ma' ġuvni ddiżgrazzjat bħali."

(b) "Jien li kien għalija nbaxxi rasi u nibqa' għaddej bla ma nsellem lil ħadd, għax jien ma tantx jien tajjeb għal man-nies."

(ċ) "Kemm nieħu gost inkun imdejjaq, inġorr kurċifiss enormi li nara jien biss."[28]

## Kelmtejn ta' l-aħħar

L-ewwel: X'inhu l-aktar element importanti fir-rakkont: il-plott (li jiddefinixxi l-azzjoni) jew il-karatterizzazzjoni (li tiddefinixxi l-kontenut psikoloġiku u morali)? Aristotli jgħidilna li din fil-fatt hi mistoqsija superfluwa għax il-bniedem hu definit sewwasew mill-azzjonijiet tiegħu. Henry James isostni prattikament l-istess ħaġa: *"What is character but the determination of incident? What is incident but the illustration of character?"* Dan jiċħad il-mit li l-karattru hu sekondarju għall-azzjoni meta fil-fatt huma inseparabbli u interdipendenti.

It-tieni: Naħseb li l-istorja tal-letteratura tista' tinkiteb bl-iskrutinju ta' l-eroj tagħha. Naħseb ukoll li mill-istudju tal-protagonist letterarju nistgħu nistabbilixxu dak li t-Tedeski jsejħu l-*weltanshauung* (il-viżjoni tad-dinja), u kumplimentari magħha ż-*zeitgeist* (l-ispirtu taż-żmien). U f'dil-ħarsa ħafifa li għadna kif tajna stajna nosservaw kemm il-valuri politiċi, kulturali, reliġjużi, u l-bqija nbidlu radikalment f'temp relattivament qasir. Il-qabża mill-impenn

---

27 Ġużè Stagno, *Nbid ta' Kuljum* (Malta: Minima, 2001).

28 Dawn it-tliet kwotazzjonijiet mill-ktieb jinsabu f'paġni 13, 21, u 26 rispettivament.

nazzjonalistiku u soċjali ta' l-imgħoddi għall-menefreġiżmu ta' żmienna tirrappreżenta *qauntum leap* li kapaċi taħsadna daqskemm tiddisturbana. F'das-sens jagħmel ħafna sens kliem Bill Moyers meta jgħid: "*To me, that's the curse of modern society, the impotence, the ennui that people feel, the alienation of people from the world order around them. Maybe we need some hero who will give voice to our deeper longing*."

## APPENDIĊI

| Ġeneru | Xejra Ġenerali | Ideoloġija | Protagonist | Lingwaġġ |
|---|---|---|---|---|
| rumanz storiko-romantiku | rumanz patrijottiku u idealista | orjentament nazzjonalista | eroj ifittex l-identità nazzjonali | epiku u sentimentali |
| rumanz soċjo-realista | rumanz edifikanti u riformista | orjentament soċjalista | eroj ifittex l-identità tal-klassi | verosimili u prożajku |
| rumanz psikoloġiku | rumanz interjuri u meditattiv | orjentament liberali | anti-eroj aljenat ifittex l-identità personali | poetiku u surreali |
| rumanz "kwalunkwista" | rumanz bla aġenda partikolari | orjentament anti-ideoloġiku (li jista' jissarraf f' ideoloġija fiha nfisha) | anti-eroj li mhuwiex interessat ifittex | popolari u anti-letterarju |

*Dan id-diskors kien ippreżentat għall-ewwel darba f'waħda mit-taħditiet li l-Fondazzjoni Erato organizzat fil-Kavallier ta' San Ġakbu matul is-sena 2003. L-awtur għażel li jippreserva l-immedjatezza u l-istil informali tad-diskors oriġinali. Għalhekk, l-użu ta' l-ewwel persuna fit-test għandu jinftiehem f'dal-kuntest.*